**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (41)

Fl-aħħar tas-snin 80, fis-snin 90 u anke fil-qalba tas-seklu komplejt għaddej b'dawn l-intervisti anke fuq Radju Kottoner.

Xi kultant, tmur x'imkien u b'kumbinazzjoni tiltaqa' ma' xi qaddief jew dilettant serju, il-kliem jaqa' fuq ir-Regatta, u meta tasal lura d-dar tipprova tiftakar bejn wieħed u ieħor x'ikun intqal bejnietna, tikteb dak li tiftakar u terfa' dak li ktibt ġo file għal meta tiġi bżonnu.

Ovvjament jien u nikteb din is-sensiela sibt xi wħud minn dawn il-kitbiet, u meta qrajthom u sibt li b'xi mod jew ieħor, l-informazzjoni li kien fihom kont diġà wżajtha skrappjathom.

Iżda magħhom sibt *recording* ta' intervista interessanti li kont għamilt lil Karmenu Sammut (ta' Kalanċ) mill-Belt fis-snin 90 fil-maħżen tiegħu f'Maneol Island, u ħassejt li kelli ninkludiha wkoll f'dawn il-kitbiet dwar ir-Regatta Nazzjonali.

Din l-intervista kienet saret f'nofs in-nhar! Minkejja li Karmenu, bħal ħafna qaddiefa oħra, xi kultant nesa l-ismijiet tal-qaddiefa jew ġie fid-dubju f'liema sena qadef magħhom, xorta waħda din l-intervista hija nteressanti ħafna għad-dilettanti kollha ta' dawn it-tiġrijiet, b'mod speċjali għal dawk Beltin:



Karmenu Zammit u missieru Anġlu, wara li rebħu l-palju fl-1951

*X'tifkiriet għandek tat-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra?*

"Lix-xjuħ tagħna dejjem nismagħhom jgħidu li fir-Regatta kien hemm pika kbira bejn Marsamxett u Bormla. Missieri li kien jaqdef pruwier ma kienx jaf jgħum, u għalhekk kienu jorbtuh tajjeb.

Miegħu kienu jaqdfu qaddiefa li ma niftakarx x'kien jisimhom, naf biss il-laqam tagħhom - is-Sold kien jaqdef fl-irmiġġ, Peppi ta' Strippa fin-nofs u Karmnu l-Krajm fil-poppa ... nismagħhom jgħidu li darba ma nafx x'kienet ir-raġuni - ma nafx jekk rebħuhx il-palju jew le, it-tlieta qabżu l-baħar u missieri baqa' marbut fid-dgħajsa.

"Jien kont naqdef ma' Pawlu Saliba (il-Kejli), Gejtu Cini u fil-pruwa kellna t-tifel ta' Ġorġ (ir-Rebbek). Dak iż-żmien konna naqdfu ma' tas-Sliema f'isem Marsamxett. It-taħriġ kien isir fix-xatt ta' tas-Sliema u mhux Marsamxett kif jaħsbu ħafna. Anke qabel il-gwerra, Ferilla jew Dgħajsa ta' Tas-Sliema jew mill-Imsida kienu jitħarrġu qrib il-mollijiet tagħhom u mhux kif jaħsbu ħafna kienu jitħarrġu post wieħed.

"Fir-Regatta biss kienu jingħaqdu flimkien u jtajru sinjal ta' Marsamxett, għax realment, l-ekwipaġġi kellhom pika kbira bejniethom.

"F'ta Bi Tnejn, il-qaddiefa kienu r-Ruman - qaddief li kien fih aktar minn sitt piedi mill-Imsida u sieħbu bilwieqfa Karmnu Saliba li kulħadd kien isibu bħala l-Krajm – qaddief leġġendarju għalina l-Beltin."

*X'kienet ir-raġuni li wara l-Gwerra intom ħadu sehem fuq bażi ndividwali u mhux bħala distrett bħal Isla, il-Marsa u l-Birgu?*

"Meta reġgħet bdiet it-Tiġrija wara l-gwerra, aħna ma kellna xejn organizzat, la opri u lanqas qaddiefa. Konna ħadna sehem f'isem tas-Sliema u mhux f'isem Masamxett bid-dgħajsa tal-Midalji 'Stella Maris' li kien ħareġ il-flus għaliha Gasan, u bid-dgħajsa ta' bl-Erbgħa 'Tessie'.

"L-ekwipaġġ tal-Midalji kien iffurmat mill-qaddiefa li nsejt x'kien jisimgħhom, iżda niftakar il-laqmijiet tagħhom - fil-pruwa u l-irmiġġ kien hemm żewġ aħwa li kienu jsibuhom bħala tal-Paddy, fin-nofs il-Babaw u poppa Karmnu l-Krajm. Jien kont sejjer f'ta' Bl-Erbgħa, iżda ma morniex.

"F'dik it-tiġrija kont qdift ma' missieri Anġlu f'ta' Bi Tnejn. F'dik is-sena konna qdifna kontra Salvu l-PaSalv u Louis Mallia tal-Isla u kontra l-Kukkla tal-Marsa. Għall-ewwel bżajt iżda missieri beda jagħmilli kuraġġ u dħalna ras imb'ras ma' tal-Kukkla u ħadna l-ewwel.

"Fl-1957 kienu avviċinawni xi dilettanti mill-Marsa u talbuni biex immur magħhom. Niftakar li għall-ewwel ma aċċettajtx, għax kienet għadha ma daħlitx id-drawwa li qaddief mill-Belt jew minn distrett ieħor jaqdef ma' klabb rivali.

"Iżda wara mort u qdift f'ta' Bl-Erbgħa fil-pruwa, bil-Ġuġa fl-irmiġġ, Toni l-Koj nofsier u Leli Grima l-poppa. Dak in-nhar kien hemm il-bullijiet tat-Tiġrija, niftakar li l-Isla kellha lil George Caruana (il-Bubbli John), Salvu l-Pasalv, Leli (in-Nanna Klara) u Louis Mallia li kien baħri f'Sant'Anġlu. Mal-Birgu kien hemm il-Bakkus, ħuh il-Pikles u l-poppier insejt min kien u dħalna l-ewwel.

"Fl-1958, ma morniex u qdift ma' Toni l-Koj f'ta' Bi Tnejn. Dak in-nhar kienet tiġrija akkanita, konna fuq in-naħa tal-Isla! Kif wasalna ħdejn Borġ il-Ġebel, qabeż raġel il-baħar biex jaħtaflu l-moqdief, u f'ħin minnhom bdew jitfgħulna l-fliexken.

"Kien hawn li jien tlabt lil Toni biex nersqu lejn il-Belt. F'dik it-tiġrija konna erbaħna l-palju. Jien qdift kemm ma' Marsamxett, mal-Marsa, mar-Raħal Ġdid u wara erġajt mort ma' Marsamxett."

*Meta fl-1969 id-distrett ta' Marsamxett reġa' ġie organizzat mill-ġdid, sibtu kooperazzjoni u għajnuna mid-dilettanti Beltin?*

" Jien erġajt mort ma' Marsamxett biex ngħin lil sħabi jorganizzaw id-distrett mill-ġdid.... konna sibna kooperazzjoni kbira mid-dilettanti Beltin għax kienu għatxana li d-distrett tagħna jieħu sehem sħiħ fit-tradizzjoni li sa qabel il-gwerra kellu storja kbira fiha. Lanqas dgħajsa ma kellna! Ordnajna d-dgħajsa (Miss Valletta) għand Ġużeppi Cassar (Bengala) ta' Bormla u dħalna t-tieni.

Fl-1971, meta aħna rbaħna l-palju bid-dgħajsa 'Miss Valletta' (numru 74) l-ekwipaġġ tagħha kien kompost mill-qaddiefa Charlie Farrugia (Casan), Arthur Bruno, jien nofsier u Vince Farrugia.

"Fis-sena ta' wara ( 1972) fil-pruwa daħal Joe Zammit, li bdew jgħidu li kien għadu żgħir u daħlna fit-tieni post. Fl-1974 ma qdiftx għax kellna kwistjoni. Kont ħadt għalija u ma qdiftx - kienu waħlu fija li kien it-tort tiegħi li ma dħalniex l-ewwel fis-sena ta' qabel. Kienu ġabu lil Indri (id-Daqni) minfloki u ma ħadu xejn."

*Jien niftakar f'tiġrija partikolari ta' Bi Tnejn, fejn ir-rivali tiegħek kienu l-aħwa Ghiller tal-Isla. Jidhirli, jekk niftakar tajjeb, kien hemm waqtiet fejn int u sieħbek kontu fuq quddiem, iżda finalment kien it-Torta li daħal l-ewwel ... x'kien ġara sew dak in-nhar?*

"It-tiġrija li qed issemmi int kienet fl-1975. F'Dik is-sena kont qdift ma' Peel ... niftakar li dak iż-żmien, fil-provi konna qegħdin inġibu ħin aħjar minn Ghiller (it-Torta) tal-Isla, u anke mid-Daqni li kien mar jaqdef ma' Bormla.

"Fit-tiġrija, sat-Telgħa tal-Kurċifiss konna fuq quddiem, konna madwar tliet tulijiet quddiem it-Torta, meta f'daqqa waħda bdejt inħoss id-dgħajsa tnaqqas fil-mixi, u kif ħarist lura rajt lit-Torta dieħel b'saħħa kbira.

"Meta dħalna kont staqsejt lil Peel x'kien ġralu, baxxa rasu, u qalli " ma nafx Karm, kollu tort tiegħi".

"Meta wara fraħt lit-Torta, niftakar li kien qalli, li huwa kien jaf li kellu ċans tajjeb li jirbaħ il-palju, għaliex minkejja li jien u Peel konna qegħdin inġibu ħin aħjar minnu fil-provi, meta konna naqbżu ta' Pinto konna qegħdin inaqqsu fil-mixi waqt li huwa u ħuh kienu jżiedu.

"Inti tafu lil Charlie, staqsieh u tara li dak li qed ngħidtlek jikkonfermah huwa wkoll ..."